BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA



# Metalli Oħra

## 2000-2019

MALTA COIN CENTRE


**Malta Coin Centre**
Bank Ċentrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT 1060
Malta
**(+356) 2550 6006/7/8**
**https://www.maltacoincentre.com/**
**customercare@maltacoincentre.com**

## 100 Sena Anniversarju mill-Ewwel Gwerra Dinjija




2014

| | |
|---|---|
| **Tip** | Ram isfar |
| **Denominazzjoni** | €5 |
| **Dijametru** | 30mm |
| **Piż Gross** | 10.50g |
| **Finezza** | - |
| **Disinjatur** | Noel Galea Bason |
| **Zekka** | Royal Belgian Mint |
| **Stampar** | 200,000 |

Fl-2014, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita numiżmatika tal-fidda u oħra tar-ram isfar li jfakkru l-mitt anniversarju mill-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija.

Fuq quddiem tal-muniti tidher l-emblema ta' Malta flimkien mas-sena tal-ħruġ, 2014.

Il-faċċata ta' wara turi infermiera li qiegħda tikkura suldat ferut. Dan ifakkar l-irwol umanitarju li kellha Malta matul l-Ewwel Gwerra Dinjija b'27 sptar u kampijiet ta' konvalexxenza, fejn eluf ta' midruba fil-gwerra ġew ikkurati. Il-faċċata ta' wara tal-munita turi wkoll suldat u peprina ħamra li hija s-simbolu li jqanqal it-tifkira tas-suldati kollha li mietu fil-gwerra. Din hija l-ewwel darba li ntuża l-kulur fuq munita Maltija.

# L-għaxar snin tal-euro f'Malta




2018

| | |
|---|---|
| **Tip** | Kuprunikil BU |
| **Denominazzjoni** | €5 |
| **Dijametru** | 33.00mm |
| **Piż Gross** | 15.50g |
| **Finezza** | n/a |
| **Disinjatur** | |
| **Zekka** | Royal Dutch Mint |
| **Stampar** | 2,000 |

Fid-9 ta' Mejju 2018, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita numiżmatika sabiex ifakkar l-għaxar snin minn meta Malta adottat l-euro.

In-naħa ta' wara tal-muniti turi rappreżentazzjoni stilizzata ta' 'Malta' u 'Europa' li tissimbolizza t-tranżizzjoni tal-munita ta' Malta mil-Lira Maltija għall-euro fl-2008. In-naħa ta' quddiem tal-muniti turi l-istemma araldika ta' Malta.

Meta Malta saret stat membru tal-UE fl-1 ta' Mejju 2004, il-pajjiż kellu l-impenn li jingħaqad mal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u jadotta l-munita unika Ewropea. Sabiex tkun tista' tagħmel dan, Malta kellha tissodisfa numru ta' kundizzjonijiet dwar l-istabbiltà tal-finanzi pubbliċi, prezzijiet, rati tal-imgħax u r-rata tal-kambju. Malta adottat l-euro fl-1 ta' Jannar 2008.

# Il-250 Anniversarju tal-Università ta' Malta




2019

| | |
|---|---|
| **Tip** | Kupronikil |
| **Denominazzjoni** | €5 |
| **Dijametru** | 38.61mm |
| **Piż Gross** | 28.28g |
| **Finezza** | - |
| **Disinjatur** | UM & CBM |
| **Zekka** | Royal Dutch Mint |
| **Stampar** | 800 |

Sabiex tfakkar il-250 anniversarju mit-twaqqif tagħha fl-1769, l-Università ta' Malta ngħaqdet mal-Bank Ċentrali ta' Malta sabiex toħroġ żewġ muniti kommemorattivi.

Il-muniti juru l-arma ċeremonjali tal-Università ta' Malta inkluża l-iskrizzjoni Latina "Ut Fructificemus Deo", kif ukoll il-perjodu li qiegħed jiġi mfakkar, filwaqt li n-naħa ta' wara turi l-istemma araldika tar-Repubblika ta' Malta.